MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 22/2016

Il-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2016

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsilliera S Grech kienet skużata peress li kien għad kif kellha tarbija u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Sar qbil illi jintbagħat bukkett fjuri lis-Segretarja Eżekuttiva fl-okkażjoni tat-twelid ta' bintha kif ukoll lill-Kunsilliera S Grech fl-okkażjoni tat-twelid ta' binha.

### 22.2 Milied 2016

22.2.1 Għall-festi tal-Milied il-Kunsill approva dawn l-attivitajiet:

- Kompetizzjoni tal-presepji. Minbarra li jingħata premju lill-ewwel tlett rebbieħa l-Kunsill qabel li tingħata tifkira lill kull min jipparteċipa.
- Ħarġa bit-trejn nhar it-Tnejn 26 ta' Diċembru 2016 fejn inżuru diversi presepji. Tingħata tifkira lil kull minn jattendi bħas-snin ta' qabel.
- Festin tat-tfal taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-ħlas ikun bħas-sena l-oħra. Chev C Saliba ser jieħu ħsieb jikkuntattja persuna biex jilbes ta' *Father Christmas*. Għandu jsir kuntatt mal-Arċipriet biex tiġi identifikata data u ħin li jkunu konvenjenti għal kulħadd.

### 22.3 Sejħiet għall-Offerti u Kwotazzjonijiet:

#### 22.3.1 Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dan il-kuntratt ser jiskadi fis-16 ta' Novembru 2016. Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li din l-offerta trid toħroġ għal sena. Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ din l-offerta. Il-Kunsill qabel li nitolbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali nistgħux nestendu l-kuntratt preżenti sakemm issir is-sejħa għall-offerti. Is-Sindku qal li jekk id-Dipartiment ma jagħtix estenzjoni, l-latrina tingħalaq. Chev C Saliba ssuġġerixxa li sakemm nevalwaw l-offerta jekk

id-Dipartiment ma jagħtix estensjoni nitolbuh biex jissuġġerilna rimedju. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

22.3.2 **Provvista ta' *ready-mix concrete***

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dan il-kuntratt skada fl-1 ta' Settembru 2016. Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ din l-offerta.

22.3.3 **Kiri u installazzjoni ta' dwal tal-Milied fi Pjazza l-Assunta u Triq il-Knisja**

Din il-kwotazzjoni ħarġet u ser tagħlaq fit-28 ta' Novembru 2016. Il-Kunsill qabel illi jagħmel laqgħa dak inhar stess biex tiġi evalwata din il-kwotazzjoni. Is-Sindku qal li s-soltu l-Għaqda tal-Armar jarmaw il-grotta u l-antarjoli. Minħabba ċ-ċirkostanzi ta' din is-sena sar qbil illi dawn għandhom jintramaw sas-27 ta' Novembru 2016.

22.3.4 **Stampar tal-Kalendarju 2017**

Din il-kwotazzjoni ħarġet u ser tagħlaq fit-28 ta' Novembru 2016. Il-Kunsill qabel illi jagħmel laqgħa dak inhar stess biex tiġi evalwata din il-kwotazzjoni. Sar qbil illi jkun hemm sitt (6) ritratti taż-Żebbuġ u s-sitta l-oħra ta' Marsalforn. Għandhom jiġu kkuntattjati l-fotografi B Mallia, M Vella u J Zammit.

22.3.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-offerta tal-akkwist u twaħħil ta' tabelli tat-traffiku li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa tas-26 ta' Lulju 2016 għadha ma ħarġitx. Il-Kunsill qabel illi joħroġ din l-offerta. Sar qbil ukoll illi l-offerta ta' kisi ta' toroq bil-*hot rolled asphalt* diskussa fl-istess laqgħa ta' Lulju toħroġ ma dawn l-offerti. Dawn l-offerti ser isiru bl-għajnuna tal-*Contracts Manager* bi ħlas ta' €60 + il-VAT kull offerta/kwotazzjoni.

## 22.4. Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur Apr – Ġun 2016

22.4.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra r-Rapport Finanzjarju tat-tlett xhur tat-tieni kwart tas-sena.
Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u ġie approvat unanimament.

## 22.5 Mozzjonijiet

22.5.1 Il-Viċi Sindku qal illi kkuntattjawh xi persuni fejn infurmawh bil-periklu li jeżisti f'Ta' Direk, f'Wied l-Infern. Hemm bżonn li jinbena dan il-ħajt. Is-Sindku qal illi dan il-ħajt irid jinbena mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill qabel illi issir *site plan* u talba lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp.

## 22.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 28 ta' Novembru 2016 fil-5.00 ta' filgħaxija. Il-ħin ġie deċiż b'vot unanimu.

Konfermati, illum it-Tnejn 28 ta' Novembru 2016.

Iffirmati
Nicky Saliba
Sindku

Iffirmati
Josianne Cassar
Deputat Segretarju Eżekuttiv